## Snajjiet Missirijietna

minn Karmenu Cassar

# IL-BUTTAR

**Qatt iltqajt ma' xi Bettija? X'inhi Bettija? Hija għamla ta' barmil imdaqqas b'żaqq usa' minn fuq u minn taħt u magħluq miż-żewġ naħat li hu użat l-aktar għal inbid u żejt. Illum dawn, aktarx li nsibuhom flok xi qasrija b'xi palma jew pjanta oħra ornamentali go fihom. Fejn insibuhom, dawn aktarx ikunu jagħtu idea ta' l-imgħoddi meta l-bettija kienet aktar importanti milli hi llum.**

Iż-żminijiet tal-lum ġabu magħhom it-tibdil u dan ma naqasx lanqas f'din l-industrja ċkejkna fejn kienu jaħdmu l-btieti. Naqsu l-btieti u m'għandniex xi ngħidu naqas ukoll min jagħmilhom — il-Buttar.

Sa ftit ilu l-Buttara kienu mxerrdin ma Malta u Għawdex kollu; jagħmlu btieti għall-inbid, mastellel għal-ħasil tal-ħwejjeġ ktietel għas-salmura jew għall-porvli. Illum nistgħu ngħidu li xogħol il-buttar safa fix-xejn u jekk baqa' xi ħadd, aktarx qed jagħmel xogħol ta' tiswija u għall-użu ornamentali.

Kif għedna, l-bettija hija magħmula mill-qiegħan u miż-żaqq u ż-żaqq issir billi jitqiegħdu għadd ta' strixxi ta' l-injam ma' ġemb xulxin. Dawn jissejħu *dugħ*.

Il-buttar kien l-ewwelnett jaqbad id-dugħ jew l-istrixxi ta' l-injam u jġibilhom it-truf-fijiet idjeq mill-parti tan-nofs. Imbagħad, minn fuq ċana twila mistrieħa fl-art, jaqta' l-kument tad-dugħ jew aħjar biex niftehmu, iġib it-trufijiet idjeq mill-parti tan-nofs. Imbagħad jerġa' biċ-ċana jġib ix-xifer jaqleb il-ġewwa kemm iridu hu — hekk li meta l-istrixxi jitqegħdu ma' xulxin, minkejja li f'għamla ta' ċirku, dawn jiġu xifer ma' xifer, b'tali mod li ma tgħaddix arja minn bejniethom.

Il-Buttar ikollu l-lavrant jew it-tifel li jtiegħ daqqa t'id. Dan jaqbad ċirku jew dak li l-imgħallem jgħidlu l-forma, iserraħ miegħu l-ewwel dugħ fuq ġewwa, jorbotha f'postha bl-imqass (forma ta' 'clip') u mingħajr telf ta' żmien iqiegħed id-dugħ l-ieħor f'postu, waħda tmiss ma' l-oħra.

Tajjeb li ngħidu li l-istrixxi jkunu ta' tlett wesgħat differenti biex il-bettija tiżżaqqaq kemm ikun meħtieġ.

L-injam li minnu jagħmlu d-dugħ u l-qiegħan jew it-*tuppan* kif isibhom il-buttar, ikun aktarx tar-ruvlu. F'dawn l-aħħar snin tant naqas ix-xogħ l tal-btieti li din il-kwalità ta' njam ma kienx jiġi impurtat u biex jaħdem, il-buttar kien jirqeda bl-injam ta' btieti oħra qodma.

Wara dan, ir-raġel tas-sengħa kien iqiegħed it-tliet ċrieki jew forom oħra, izda qabel jitqiegħed kull ċirku jittieħed il-qies u mbagħad jirribattih fuq inkwina magħmula apposta għax-xogħol tal-buttar.

Irridu ngħidu wkoll li qabel ma l-buttar iqiegħed iċ-ċrieki madwar id-dugħ, iniżżilhom f'posthom bid-daqqiet tal-mazza fuq l-ispassel.

Hawnhekk tibda l-aktar parti interessanti fis-sengħa tal-buttar. Miċ-ċana stess li jkollu fil-ħanut, il-buttar jagħmel ħuġġieġa u jdaħħal fin-nar il-bettija. Dan jagħmlu biex l-injam jirtagħab. Biex l-injam tal-bettija ma jieħux in-nar li għal-kemm żgħir ikun qawwi biż-żejjed, ixarrab il-bettija.

Waqt li l-injam ikun għadu artab, il-buttar jibda jissikka l-forom. Aktar ma jissikka, taħt id-daqqiet tal-mazza, aktar jagħfsu fuq id-dugħ li dawn jagħlqu ma' xulxin, b'mod li kważi jsiru biċċa waħda u li ma jħallux lanqas l-iċken xaqq minn fejn ikun jista' jinfed l-inbid jew iż-żejt jew xi likwidu ieħor.

Hawnhekk jerġa' jieħu x-xogħol kollu f'idejh il-buttar u b'biċċa għodda oriġinali imsejħa inċinatur iħaffer kanal minn ġewwa mad-dawra kollha tal-bettija, kemm f'tarf kif ukoll fl-ieħor. Dan il-kanal magħruf bħala inċina jitħaffer biex ġo fih iserraħ xifer it-tuppan biex jagħlaq il-bettija.

Il-buttar hawnhekk jaqbad il-kumpass li jkejjel iċ-ċirkonferenza ta' l-inċina. Malli jsib id-daqs eżatt, iħ zzez ċirku fuq tuppan qadim, imbagħad jieħu f'idejn il-lavrant u bil-munxar jaqta' tuppan ġdid — wieħed għal kull naħa.

Imbagħad l-imgħallem, bi speċi ta' ċana msejħa *fallaga* jonqox ix-xifer ta' l-injam maż-żewġ naħat, sakemm iraqqu biżżejjed li jkun jista' jidħol fil-kanal jew inċina. Qabel iqiegħed it-tuppan f'postu, jiksi l-kanal jew inċina. Qabel iqiegħed it-tuppan f'postu, jiksi l-kanal bit-tafal biex kull xaqq irqieq jimtela' b'mod li jagħlaq għal kollox.

Issa x-xogħol fuq il-bettija jkun għoddu lest u jkun baqa' biss li jirfinha. L-imgħallem imbagħad l-ewwel li jagħmel hu li jinċana l-bettija minn barra. Wara li jinċana, jneħħi l-forom u minflokhom iqiegħed ċrieki ġodda maħdumin eżatti minn fuq il-forma. L-għoli u l-għadd ta' dawn iċ-ċrieki jiddependi mid-daqs tal-bettija.



Ir-raġel tas-sengħa hawnhekk ikun jonqsu nistgħu ngħidu l-aktar ħaġa importanti — dik li jneħħi għal kollox kull possibilità li l-bettija tista' tqattar minn x'imkien. Dan jagħmlu billi jaqla' ċ-ċrieki tat-truf, iberraq dugħ minn oħra bl-iskarpel u jdeffes bejniethom bċejjeċ ta' tibna wisgħa.

Dan isir fuq iż-żewġ qiegħan. Imbagħad mill-ġdid iqiegħed iċ-ċrieki f'posthom, jaqta' t-trufijiet żejda tat-tibna u l-bettija tkun lesta biex tittaqqab f'toqba tonda jew kwadra skond għalxiex tkun sa tintuża'.

Għalkemm ma nafux sewwa meta daħlet f'Malta din is-sengħa, aktarx li qabel is-seklu ħmistax kienu jaslu f'Malta btieti minn Sqallija mgħobbija żebbuġ, ... laring u frott ieħor.

Iżda fuq kollox ix-xogħol tal-buttar hu marbut l-aktar ma' l-industrja ta' l-inbid. Huwa fi btieti kbar anke m'għola sular li l-għassar jaħżen l-inbid u jħallieh jiqdiem fid-dugħ. Imbagħad minn għand l-għassar, kien jittieħed għand tal-ħwienet fi btieti ta' kull daqs.